MDINA

# Minuti tal-laqgha numru 9 tas-seba Kunsill

| | |
|---|---|
| POST | Sala tal-Kunsill |
| DATA | 6 ta' Novembru 2013 |
| HIN | 3.00 pm |

| Kariga | Isem | Inizjali | Presenza |
|---|---|---|---|
| Sindku | Peter Sant Manduca | PSM | Prezenti |
| Vici Sindku | Joseph Debono | JD | Prezenti |
| Kunsillier | Jane Attard | JA | Prezenti |
| Kunsillier | Camille Scerri | CS | Prezenti |
| Kunsillier | Mary Ann Sultana | MS | Prezenti |
| Seg Ezekuttiv | Paul Spiteri | PS | Prezenti |

9.1.1 Il-Minuti tal-laqgha numru 8 gew approvati kif moqrija wara li ma kienx hemm korrezzjoni.

9.2 Arising Out

9.2.1 Il-korsijiet ta' TCTC dwar IT.PS informa lil kunsill dwar l-ispejjez involuti. Minhabba li dawn kienu gholja, qbilna li nippruvaw nikkodinaw mal-Kunsill tar-Rabat.

9.2.2 PS qara ir-rapport finanzjarju dwar il-BBQ (Rapport anness)

9.3 Korrispondenza batch 82 u 83

9.3.1 PS ressaq quddiem il-Kunsill offerta minghand Ornit dwar sistema kompjuterizzata ghal hrug tal-permessi. Il-Kunsill ma qabilx

9.3.2 Ittra minghand MAGF dwar l-applikazzjoni ghal measure 125 li ma kienitx approvata. Filfatt kienet ser tohrog sejha ohra u kellna nissotomettu l-istess toroq ghal kunsiderazzjoni.

9.3.3 Kellna korrispondenza minghand Show of Arms dwar talba sabiex jorganizzaw attivita b'tema medjevali . Kien hemm qbil li niltaqghu maghhom.

9.3.4 Kellna talba minghand id-Departiment tal-Gvern Lokali sabiex nahtru Ambaxxatur taz-zaghzagh. Wara li hrigna cirkulari dwar dan is-suggett u ma kellniex risposta positiva, il-Kunsill ma kienx f'posizzjoni li jinnomina lil xahadd

9.3.5 Ittra minghand Kerygma dwar premju Zagghzugh. Il-Kunsill ma kellhux lil minn jinnomina.

9.3.6 Ittra minghand Agenzija Zaghzagh dwar Kunsill Zaghzagh. Minhabba li ma kellniex konkorenza ghas-sejhiet li ghamilna , kien hemm qbil li dan ma jsirx.

9.3.7 Ittra sabiex naghmlu laqgha mad-Drug Squad. Qbilna li din issir.

9.3.8 Kellna talba minghand AKL sabiex naghmlu laqgha ma Dr Mark Sant il-Prsident tal-AKL. Qbilna li din il-laqgha issir

9.3.9 Ircevejna proposta minghand Blues Limited dwar tabelli informattivi fid-dahla tal-Imdina. Qbilna li dawn jissostitwixxu it-tabelli li hem bhallissa.

Il-Kunsill ma kienx ser jidhol fi spejjez

9.3.10 Ittra minghand Patri Paul Chetcuti dwar attivita li ser issir fi pjazza San Pawl fl-14 ta' Novembru Il-Kunsill ma kellhux oggezzjoni

9.4 Attivitajiet tal-Milied

9.4.1 Saret diskussjoni dwar l-attivitajiet tal-Milied. Qbilna li nigbru kwotazzjoni dwar ikla ghar-residnti filwaqt li s-sejha ghal offerta tat-tizjien kienet ser tohrog fuq il-gazzetta.

9.5 Mannigjar ta' Tomba

9.5.1 Ghal darba ohra il-Kunsill rega kkonferma li hija x-xewqa tieghu li johrog ghal sejha biex it-Tomba tinghata biex tigi mmanigjata minn persuna/pesuni ghan-nom tal-Kunsill , filwaqt li jkun jista jigbor xi fondi min dan il ftehim. Fuq dan is-suggett kellna ippjanata laqgha mad-Direttur is-Sur C.Abela.

9.6 Affarijiet ohra meqjusa urgenti.

9.6.1 Kellna 2 kwotazzjonijiet ghas-serizz tal-Life Streaming. Wara diskussjoni giet maghzula l-offerta ta' Smart Technology li kienet l-aktar wahda vantagguza.

9.6.2 Gafa Saveway Cleaners gew konfermati bhala responsabli ghat-tindief tal-Ufficcju Amministarttiv wara li huma biss tefghu l=oferta

9.6.3 PS informa lil Kunsill li kienet harget l-approvazzjoni mid-DLG dwar Gemellagg ma Assisi

9.6.4 JA giet inkarigat li tiehu hsieb torganizza quddiesa ghar-ruh il-mejtin ta' l-Imdina fix-xahar ta'Novembru

9.6.5 Tqajjmet il-problema tal-manutenzjoni ta' Howard Gardens. Kien hemm qbil li f'laqgha li jmiss nistiednu lil Kuntratur, Wilson Mifsud ghal laqgha.

9.6.6 PSM ta' rendikont dwar il-laqgha li kellna ma L-Onor Dr Micheal Farrugia specjalment dwar il-Parkegg gdid fejn l-istazzjoni. Dr Farrugia weighed li ser jaghtina risposta fi zmien gimghatejn.

9.6.7 Saret diskussjoni dwar il-kongestjoni tat -traffiku li jkun hawn fl-Imdina xi drabi meta jkun hawn tieg. Kien hemm qbil sabiex niverifikaw ma' l-avukat jekk hemmx bzon ta' bye-law sabiex nipponu li kull tieg irid ikun hemm warden.

Gew approvati il-pagamenti skond l-iskeda numru 9/13

Wara li ma kienx hemm affarijiet ohra l-laqgha giet aggornata fil-5.00pm sine die.

| | |
|---|---|
| Peter Sant Manduca | Paul Spiteri |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |